**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 7/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michael Bartolo**
**David Bartolo**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Michael Bartolo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 126262(M), u **David Bartolo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 102188(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu 2018 f'diversi ħinijiet:

1. bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom ġiegħlu bl-

awtorita' tagħhom infushom lil Philip Cini, Helen Cini, David Cini u lil Marjan Paul Cini jħallsu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixklu lill-istess persuni imsemmija fil-pussess ta' ħwejjiġhom, jew ħattew bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħlu fi ħwejjiġhom;

2. bi ħsara tas-sid jew tad-detentur ċioè ta' Philip Cini, Helen Cini, David Cini u lil Marjan Paul Cini għamlu vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' l-istess persuni msemmija;

3. ikkommettew serq sempliċi ta' ħames siġriet (waħda tar-rummien u erbgħa taż-żebbuġ) għal ammont ta' sittin Euro (€60.00) għad-detriment ta' Philip Cini, Helen Cini, David Cini u Marjan Paul Cini.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Philip Cini, Helen Cini, David Cini u Marjan Paul Cini kif ukoll għall-familjari tagħhom sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputati ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontra tagħhom, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u lliberathom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar tas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputati sabiex fi żmien ġimgħatejn minn dakinhar tas-sentenza jreġġgħu lura fl-istat li kien qabel l-inċident, il-ħajt li jagħti għal fuq il-passaġġ in kwistjoni, liema ħajt jifred ir-raba' tagħhom minn mal-imsemmi passaġġ b'dan illi f'każ li l-imputati jonqsu milli jobdu l-ordni msemmija huma jeħlu, meta jinstabu ħatja, ammenda ta' għaxar Euro (€10) kuljum għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-30 ta' Jannar 2020 fejn, wara li għamlu riferenza għas-sentenza appellata, talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputati ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-imputati ħatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħhom u minflok tilliberahom minn kull imputazzjoni, ħtija u piena fir-rigward tal-istess, jew alternattivament, minflok tinfliġġi piena alternattiva u inqas kiefra."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Jannar 2020 f'liema sentenza appellata nstabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni *ossia* r-reat ta' *ragion fattasi*.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom ikun opportun li l-ewwel il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Iċ-ċitazzjoni hija marbuta mad-data tax-xahar ta' Marzu 2018. B'hekk bħalma sew osservat l-Ewwel Qorti dak li jirriżulta li seħħ fit-12 ta' Mejju 2018 ma jaqax fil-parametri taż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ma jistax ikun ikkunsidrat. L-istess jingħad għall-filmati miġbuda minn David Cini fl-20 ta' Novembru 2018 għaliex dawn ma jaqgħux fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni. Fir-rigward tal-filmati ppreżentati mid-difiża li kienu ttieħdu fit-30 ta' Marzu 2018, dawn jaqgħu fil-parametri tad-data msemmija fiċ-ċitazzjoni. Minnhom jirriżulta li kien hemm xi xogħol għaddej fl-għalqa tal-appellanti allura imputati waqt li l-ħajt jidher imwaqqa'.

- Mill-affidavits jibqa' rilevanti biss dak magħmul minn **PC 1228 Joseph Vella** meta kien mar jagħmel rapport Philip Cini dwar il-qtugħ tal-katina u li Michael Bartolo kien daħħal żewġ vireg terrapien fid-daħla tar-razzett tiegħu. L-għada kompla jirraporta li kienu marru l-appellanti li kienu fetħu bi dritt l-inġenji tal-familja Cini għal fuq mantqa fejn iżommu l-inġenji. Jingħad li huma kienu ilhom igawdu minn din il-porzjon art għal snin twal u ma kinux bi ħsiebhom iċedu lil Bartolo biex jagħmel rampa u jingħad ukoll li kienu qalulu biex ma jiftaħx il-ħajt qabel imorru l-Pulizija imma hu u ibnu xorta bdew jaqilgħu l-ħajt tas-sejjieħ.

  Meta kellem lil Bartolo dan qallu li hu (Philip Cini) kien ineħħi t-terrapien u hu (Bartolo) xorta kien ħa jiftaħ il-ħajt u jagħmel rampa. Minn naħa tiegħu Bartolo nsista li kien hu li wessa' t-triq biex ikun jista' jgħaddi bil-vann. Imbagħad kien Philip Cini li talbu biex jibqa' dieħel ħalli jkun jista' jużaha hu ukoll. Skont ma qal Michael Bartolo stess wara ftit taż-żmien hu (Michael Bartolo) ma baqax jużaha. David Bartolo kien irraporta li huma kienu marru biex jaħdmu u Philip Cini kien hedded liż-żewġ appellanti.

- Mix-xiehda ta' **Philip Cini** jirriżulta li dan ilu jaħdem dik l-art mis-sena 1983 u li l-ħajt li kienu waqqgħu l-appellanti kien għadu mwaqqa' sal-jum meta xehed hu (Cini). Jgħid li l-fetħa kienet ta' sittax-il pied u li l-appellanti kienu wkoll tefgħu terrapien fl-għalqa tax-xhud u biex għamel hekk ġie dirett ġol-għalqa tiegħu. Jisħaq li minn fejn jidħol hu 'l isfel huwa kollu tal-familja Cini u li l-appellanti ma kellhom ebda aċċess li jidħlu għall-għalqa tiegħu b'dan illi għall-għalqa tiegħu hemm aċċess minn banda oħra.

- **Marjan Cini** kkonferma li kien tneħħa biċċa mill-ħajt tas-sejjieħ tal-qasma ta' bejniethom u dan il-ħajt kien ilu hemm żmien twil u hu kien hemm qabel l-appellant Bartolo. Ix-xhud baqa' jikkonferma li l-ħajt ma kienx għamlu Bartolo u li l-art hija art tal-gvern.

- **Helen Cini** kkonfermat li kienu ż-żewġ appellanti allura imputati li tefgħu t-terrapien fil-biċċa tagħhom.

- **David Bartolo** xehed li ma kienx jaf min bena l-ħajt tas-sejjieħ imma aktar tard jgħid li: *"Issa dak il-ħajt tas-sejjieħ bnieh missieri"* (*a fol.* 69). Jgħid li mill-ħarruba 'l ġewwa l-għelieqi jmissu ma' xulxin waqt li l-passaġġ jużawh kemm ta' Cini kif ukoll huma. Jgħid li huwa beda jtella' l-ħajt għal ġol-għalqa tagħhom u li huwa kien ħa filmat u mar l-Għassa jirraporta li ta' Cini kienu heddewhom. Fil-<u>kontro-eżami</u> jgħid li huwa kompla jwaqqa' l-ħajt minkejja l-oġġezzjoni tal-membri tal-familja Cini. Huwa qal ukoll li l-passaġġ hu ta' Cini. Xehed ukoll li ta' Cini kienu reġgħu bnew il-ħajt iżda qagħdu n-naħa tagħhom.

- **Michael Bartolo** xehed li sa dakinhar tal-inċident kienu jużaw il-passaġġ kemm ta' Cini kif ukoll huma. Jgħid li meta għamel it-triq hu kien kollu ta' Ġanni Sant u ċaħad li l-passaġġ kien ta' Cini. Jixhed li kien Sant li qallu biex jagħmel it-triq u jispjega r-ritratti li jinsabu f'Dok. "MB 1" (*a fol.* 106) u dwar wieħed minnhom huwa jgħid li l-*parte civile* kienu ġabu

l-ħamrija biex taparsi għamluha ġnien. Fil-<u>kontro-eżami</u> huwa kkonferma li kien għamel il-passaġġ bil-permess ta' Sant u li ma kienx talab permess lil ta' Cini meta waqqa' l-ħajt.

- Ix-xhud **Victor Cini** (in rappreżentanza tal-Enemalta) indika fejn kien twaħħal l-arblu tad-dawl li kien hemm diżgwid fuqu. Hu ħaseb li kien hemm *rubble wall* jaqsam l-għelieqi.

- **Martin Bajada** xehed li l-Kummissarju tal-Artijiet kien ittermina l-kirjiet ta' dawk l-inħawi *in solidum* b'dan illi s-*sitting tenant* kien għad għandu l-pussess u kien hemm kawża ċivili għaddejja fiż-żmien meta kien qed jixhed.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> huwa li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-fatti. Jingħad li waqt ix-xiehda tiegħu l-appellant Michael Bartolo kien indika li huwa kien fetaħ il-passaġġ u ta permess lill-familja Cini biex jużaw il-passaġġ u li għalhekk hu qatt ma waqaf juża l-passaġġ kif jingħad fis-sentenza. L-appellanti jagħmlu riferenza għal ġurisprudenza dwar ir-reat ta' *ragion fattasi* u jsostnu hekk: *"Bir-rispett, l-appellanti isostnu illi fir-rigward tal-ħajt in kwistjoni huma ma kellhom l-ebda koxjenza li dak li kien qiegħed jagħmlu kienu b'xi mod imur kontra l-liġi, anzi jibqa' jiddikjara li dak il-ħajt huwa ta' pussess tiegħu u mhux tal-parte civile."* Jgħidu li l-Prosekuzzjoni ma stabbilitx li l-*parte civile* kellha l-pussess u lanqas li dan il-pussess tneħħa arbitrarjament minn xi ħadd minnhom jew mit-tnejn li huma. Jisħqu li l-parti tal-ħajt li tneħħiet qatt ma kienet fil-parti tal-għalqa tal-*parte civile* u li l-ħajt jappartjeni lilhom u mhux lill-*parte civile* li qatt ma kellha l-pussess tal-istess ħajt. Jgħidu li l-*parte civile* qatt ma eżerċitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq il-ħajt jew inkella l-passaġġ indikat minnhom u li l-passaġġ baqa' jintuża mill-kwerelanti u

kienu huma li ppretendew li l-passaġġ huwa tagħhom. Jgħidu li l-aġir tagħhom (tal-appellanti) bl-ebda mod ma naqqas b'xi mod jew ieħor mit-tgawdija ta' din l-art. Jagħlqu billi jgħidu li l-Ewwel Qorti ma ndikatx min minnhom neħħa l-ħajt.

Illi din il-Qorti tinnota li l-aggravju in eżami huwa wieħed ta' apprezzament ta' fatti. Il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi l-appellanti jilmentaw li ma kellhiex tinstab ħtija fihom fir-rigward tar-reat maħsub f'Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuża, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

*In oltre,* ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.[1]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-aġir tal-appellanti mpedixxa lil ta' Cini mid-dritt li huma jgawdu u dan kontra l-volonta' tagħhom. Il-passaġġ kien f'xi żmien jintuża kemm minn ta' Cini kif ukoll minn Michael Bartolo iżda, skont ma jirriżulta mill-affidavit ta' PC 1228 Joseph Vella, Michael Bartolo ma baqax jużah għax beda jipparkja tletin metru 'l barra għax hemm kellu fejn jipparkja u ma jagħlaqx it-triq. Isegwi li kienu ta' Cini biss li kellhom il-pussess għaliex dan wara kollox kien ta' ċertu Sant u mbagħad il-kirja għaddieha lil ta' Cini.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellanti kienu tefgħu terrapien fuq art mikrija lil ta' Cini minn naħa tal-Gvern u li l-appellanti qabdu u żarmaw il-ħajt mingħajr ma ħadu l-kunsens tal-familja Cini. Kif ingħad aktar 'il fuq, Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jkopri kull "pussess" jiġifieri wkoll jekk wieħed ikollu art mikrija għandu xorta għandu d-dritt li ħadd ieħor ma jiddisturbahx fl-użu tagħha kontra x-xewqa tiegħu. Kemm Michael Bartolo kif ukoll ibnu David Bartolo ħadmu fuq it-tneħħija tal-ħajt u kienu jafu li ma kienx hemm kunsens da parti tal-familja Cini li dan isir tant li kien sar rapport l-Għassa tal-Pulizija u l-Pulizija kienet bagħtet għal Michael Bartolo u għarrfitu b'dan. Jirriżulta li l-appellanti lanqas biss taw każ lil ta' Cini meta talbuhom biex ma jibdewx qabel jaslu l-Pulizija fuq il-post.

Illi fir-Rikors tal-appell jingħad li l-kwerelanti qatt ma eżerċitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq il-ħajt jew passaġġ. Dan mhux eżatt u dan għaliex jekk jeżisti ħajt diviżorju ma hemmx għalfejn li

[1] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

xi ħadd joqgħod jirrepeti kull jum li dan huwa tiegħu u dwar il-passaġġ kien Bartolo stess li qal li ma baqax jużah.

Illi fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant allura imputat David Bartolo xehed li niżżel *himac* biex ineħħi l-ħajt (*a fol.* 70). Din hija ammissjoni taħt ġurament u għalhekk hija prova valida għall-konsiderazzjoni. Dwar is-sehem tal-appellant Michael Bartolo lanqas hemm l-iċken dubju.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li l-appellanti kienu qed jemmnu li qed jaġixxu bi dritt u x-xjenza li jieħdu b'idejhom dak li suppost wieħed jieħu tramite l-proċess legali. Jeżisti wkoll in-nuqqas ta' titolu da parti tal-appellanti li jirrendi l-fatt aktar gravi. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet ċara għalxiex kienet qed tirreferi u dana mhux biss għax irreferiet għall-passaġġ imma wkoll għaliex fid-*decide* ordnat lill-appellanti allura imputati sabiex: *"fi żmien ġimgħatejn mil-lum ireġġgħu lura, fl-istat li kien qabel l-inċident, il-ħajt li jagħti għal fuq il-passaġġ in kwistjoni, liema ħajt jifred ir-raba' tagħhom minn mal-imsemmi passaġġ"* (*a fol.* 125). Meħud in konsiderazzjoni dan kollu jsegwi li l-Ewwel Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħhom l-appellanti jgħidu li hemm kontradizzjoni fis-sentenza appellata. Jgħidu (*a fol.* 134): *"Minn eżami akkurat tal-affidavits ppreżentati mill-Uffiċjal Prosekutur jidher li kien hemm okkażżjonijiet separati, bi preżenza temporali ta' xahrejn bejniethom."* Jgħidu li r-reat ta' *ragion fattasi* huwa istantanju u mhux wieħed li jkompli minn data għall-oħra u jisħqu li l-*parte civile* ppruvat tieħu pussess tal-passaġġ li qatt ma kien għandhom meta ħawlu s-siġar waqt li huma (l-appellanti) kienu qed jaħdmu li huwa fatt li tirreferi għalih il-Qorti fit-tielet paġna tas-sentenza tagħha. L-appellanti jikkwotaw silta minn paġni 3 u 4 tas-sentenza appellata biex isostnu li hemm kontradizzjoni għaliex l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 125): *"Għalhekk fl-opinjoni tal-Qorti, l-ewwel imputazzjoni dwar ragion fattasi tirriżulta ppruvata. Pero' ma tirriżultax ippruvata sal-grad li trid il-liġi t-tieni imputazzjoni."*

B'hekk, skont l-appellanti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibhom ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li ma teżisti l-ebda kontradizzjoni fis-sentenza appellata. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm provi dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni (qtugħ ta' katina u serq ta' siġar) u allura lliberat lill-appellanti. Iżda dan bl-ebda mod ma jista' jfisser li l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellanti mill-ewwel (1) imputazzjoni li dehrilha li kien hemm il-provi għaliha. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ddistingwiet fejn kellha tiddistingwi. Konsegwentement, it-tieni aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellanti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li skont huma hija waħda eċċessiva.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid għajr li din il-Qorti tikkunsidra li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u għalhekk hija tal-fehma li ma għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena li ngħatat. Apparti minn dan, ma jirriżulta bl-ebda mod li din il-piena hija waħda eċċessiva. Għalhekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Michael Bartolo u David Bartolo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini msemmija mill-Ewwel Qorti fl-istess sentenza jibdew jgħaddu millum.

Finalment, il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huma jikkommettu reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**